# MINUTI

## Minuti tal-53 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qrendi

## It-tmien leġiżlatura

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2023, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku David Schembri MQR
Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja
Il-Kunsillier Daniel Farrugia
Il-Kunsillier Charles Zerafa

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skond Ordni Permanenti 14A(3))

Il-Kunsilliera Marion Parnis

UFFIĊJAL

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

*Kunsill Lokali Qrendi, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi QRD 1103*
*Tel: 21680404/21640534*
*E-mail: qrendi.lc@gov.mt*
*Website: www.qrendilocalcouncil.org.mt*

**Minuti**

*Is-Sindku preseda l-laqgħa.*

**53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**53.1.1** Id-Deputat segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Marion Parnis.

**53.1.2** Is-Sindku fetaħ billi wassal il-kondoljanzi lill-Kunsilliera Marion Parnis għat-telfa ta' ommha.

**53.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**53.2.1** Il-Minuti tal-52 laqgħa ġew ikkunsidati bħala moqrija. Il-Kunsillier Daniel Farrugia propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Minuti ġew approvati bħala dokument korrett.

**53.2.2** **PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI**
Ma tqajjem l-ebda punt mill-Minuti.

**53.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**53.3.1** Is-Sindku qal li fi Frar saret laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita' fuq diversi problemi. Is-Sindku qal li l-preżenza tal-Pulizija fil-lokalita' qed tħalli l-effett posittiv tagħha speċjalment fi problemi ta' abbuż ta' rimi ta' skart.

**53.3.2** Is-Sindku qal li attenda għal seminar ferm interessanti organizzat mill-AKL dwar Interviewing Skills.

**53.3.3** Is-Sindku informa li attenda għal webinar dwar il-Proġett tal-Ħniena fejn ġew diskussi l-fondi għad-dawl. Il-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali ser jaraw xi bżonnijiet hemm u għandna ssir laqgħa bejn l-awtorita' tat-Turiżmu u l-Knisja dwar ħruġ ta' procurement minn naħa tagħhom peress li l-proċess tal-Kunsill huwa iktar kumplikat u fiħ iktar restrizzjonijiet. B'hekk il-Kunsill ma jkollux obligazzjonijiet legali.

**53.3.4** Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Kuntrattur il-ġdid tat-tindif rurali u ingħata lista ta' xogħolijiet mensili. Huwa qal li qed isir follow up tax-xogħolijiet minnu.

**53.3.5** Is-Sindku informa li saru laqgħat mad-Dipartiment Gvern Lokali rigward bilanċ ta' fondi li fadal fil-kont tal-Kumitat Konġunt li kien jeżisti qabel is-sena 2013 u li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien parti minnu. Hu qal li qed tinstab soluzzjoni biex dawn il-finanzi jiġu xolti u jkun hemm governanza tajba u ġusta tagħhom, u f'każ li ma jintlaħaqx ftehim jgħaddu għal arbitraġġ.

**53.3.6** Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' Transport Malta rigward il-proġett Sump Slump fuq pjan loġistiku għal sostenibilta' urbana, tnaqqis fl-użu tal-vetturi, iktar spazju ta' parkeġġ u iktar żoni ħodor. Hemm pjanata laqgħa oħra fis-16 ta' Marzu biex jiġu diskussi proposti.

**53.3.7** Is-Sindku informa li attenda quddiem il-bord tal-moniteraġġ rigward it-talba għal permess ta' parkeġġ mill-kumpanija tal-filming li l-Kunsill ma kienx ħareġ minħabba raġunijiet imsemmija f'Seduta preċedenti. Is-Sindku qal li spjega r-raġuni għaliex il-permess ma nħariġx. Dan il-każ għadu pendenti.

**53.3.8** Is-Sindku qal li ġiet imnedija l-iskema 'Project Green'. Din l-inizjattiva tiffinanzja it-80% tal-proġett u l-20% jitħallsu mill-fondi lokali. Il-proġett ikollu ftehim ta' manutenzjoni ta' għaxar snin.

**53.3.9** Rigward dan is-Sindku kompla li l-Kunsilli huma mxekkla minn problemi burokratiċi fejn il-permess għal roqgħa żgħira art biex tiġi mibdula f'żona tal-picnics biex titgawda mill-familji qiegħed pendenti għand l-Awtorita' tal-Ippjanar minħabba oġġezzjoni ta' aċċessibilita' mic-CRPD.

**53.3.10** Is-Sindku informa li kellu laqgħa mal-Group 4 rigward kollaborazzjoni, sigurta' u risk assessments. Is-Sindku qal li għamel proposta biex jitwaħħlu cameras f'diveri toroq iżda s'issa għad m'għandux risposta dwar dan.

**53.3.11** Is-Sindku qal li attenda għal business breakfast mit-Times of Malta rigward news coverage ta' aħbarijiet ta' sostenibilta', fejn ġew issuġġeriti diversi proposti u suġġerimenti fir-rigward ta' transport pubbliku, intrapriżi pubbliċi u privati, negozi u ħafna aktar.

**53.3.12** Is-Sindku informa li ser issir attivita' ta' tindif mir-Reġjun Punent fiż-żona ta' San Mattew u tal-Ħniena, rotta Ħal Luq, nhar is-Sibt li ġej fid-9.00 ta' filgħodu fejn kulħadd huma mistieden jattendi u jagħti is-sehem tiegħu. Huwa qal li ġiet identifikata din iż-żona minħabba ir-rotta tal-attivita' ta' Xircammini li jmiss.

**53.3.13** Is-Sindku informa li nhar l-4 ta' Marzu saret l-inawgurazjoni tal-esibizzjoni 'Coronation' f'Torri Xuti, li titratta il-familja rjali.

**53.3.14** Is-Sindku informa li tpoġġew il-pots bil-pjanti fit-toroq finanzjati mill-premju ta' €500 minn Eco-Hive. Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li huwa mportanti li ssir tisqija regolari ta' dawn il-pjanti.

**53.3.15** Is-Sindku qal li sussegwentement il-ħsara li kienet ikkawżata mill-maltemp fir-roundabout ta' bejn Triq l-Imqabba u Triq it-Tempesta fuq ir-replika tat-tempju ta' Ħaġar Qim, din ser titranġa b'mod professjonali.

**53.3.16** Is-Sindku qal li rċieva talba mill-Kappillan biex l-istatwa ta' San Mattew tittieħed tal-Ħniena, u b'hekk ikun jista' jiġi restawrat il- 'cabinet' mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**53.3.17** Is-Sindku qal li dwar il-proposta biex tiġi pavimentata l-pjazza qed issir riċerka għal akkwista ta' fondi. Dan il-proġett jiswa approssimament €860,000. Il-Ministeru tax-xogħolijiet talab Bill of Quantites tax-xogħol rikjest.

**53.4** **MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**TENDERS**

**53.5**

**53.5.1** Is-Sindku qal li t-tender tal-knis għadu qed jiġi evalwat minħabba li kien hemm xi problemi tekniċi.

**53.5.2** It-tender fuq ir-restawr ġie ffirmat u ser jibda x-xogħol rikjest b'mod imminenti.

**53.5.3** It-tender tal-lift għadu qed jiġi evalwat b'mod tekniku mill-inġineer.

**53.5.4** Inbeda il-proċess biex jinħareġ it-tender relatat mal-iskema tal-proċett kapitali.

**FESTIVAL AGRARJU U TAL-PATATA 2023**

**53.6**

**53.6.1** Is-Sindku qal li d-data identifikata tal-14 ta' Mejju ser taħbat Jum l-Omm, iżda ġaladarba s-soċjetajiet ma sabux oġġezzjoni għal dan, ma jidhirx li hemm problemi li ssir dakinhar. L-attivita' ser issir bil-koordinament bejn iż-żewġ soċjetajiet u kien hemm ftehim għal prezz ugwali. Il-Viċi Sindku qal li l-events co-ordinator ser ikun qed jikkoordina b'mod komplet, għaċ-ċifra ta' €2500. Kien hemm qbil li jinġabru l-istimi biex tiġi kkalkulata l-ispiża tal-attivita'.

**53.7** **APPROVAZZJONI TAL-FINANCIAL REPORTS GĦALL-GĦELUQ TAS-SENA FINANZJARJA 2022**

**53.7.1** Is-Sindku talab l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju kif ġie preżentat fil-laqgħa pubblika li saret qabel din il-laqgħa. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva r-raport kif preżentat.

**ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL LI JKUN MEĦTIEĠ**

**53.8**

**53.8.1** Il-Kunsillier Charles Zerafa propona Ġnien il-Kmand għal proġett 'Project Green'. Is-Sindku qal li irridu nżommu f'moħħna li l-Kunsill irid jiffinanzja l-20% tal-proġett. Huwa qal li dan il-ġnien mhux devolut lill-Kunsill u allura l-Kunsill ma jistax japplika fuqu.

Il-Kunsill Charles Zerafa talab li jsir patching ta' Triq San Nikola.

**53.8.2**

**APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

**53.9**

**53.9.1** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda tal-pagamenti kif preżentata.

**Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**53.10**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija.

**53.10.1**

**53.10.2** Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.  Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 20 ta' Marzu 2023

| | |
|---|---|
| David Schembri MQR | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |